MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 673/2006

**Talba Nru: 673/06VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Therese Pintley

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u erba u sebghin lira Maltin u erba u tletin centezmu (Lm374.34c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta skond Client Contract Number 10171 in rigward ta'

servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Awissu 2005 u Jannar 2006. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2006, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Avviz, dawk ta' l-ittra ufficjali lil banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija, wiehed u sebghin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€871.98), ekwivalenti ghas-somma ta' tlett mija u erba u sebghin lira Maltin u erba u tletin centezmu (Lm374.34c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------